MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 170/2000/1

**Gorg u Lilian konjugi Gatt u Marija mizzewga Camilleri,**
**Mary Louise mizzewga Muscat, Stephen Camilleri u Dennis Camilleri u Robert Camilleri**

**vs**

**Anthony Camilleri, John Camilleri, Michael Camilleri, Carmen mart Martin Xuereb, Agnes armla ta' Nazzareno Camilleri f'isimha proprju u bhala**

**mandatarja ta' uliedha l-imsiefrin David Camilleri, Nathalie mart Emanuel Hili u Kevin Camilleri**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni taghhom, l-atturi wara illi ippremettew illi l-konvenuti permezz ta' ittri ufficjali taghhom fl-10 u fit-18 ta' April, 2000, annessi u immarkati bhala Dok. "A" u "B" rispettivament, allegaw illi l-atturi huma responsabbli ghall-isparizzjoni ta' somma li teccedi hamsin elf lira (Lm50,000) matul il-hajja u wara l-mewt ta' Ursola Camilleri u talbu lill-konvenuti Gorg u Lilian konjugi Gatt jaghtu rendikont ta' fejn dawn il-flus kollha sparixxew; u billi l-atturi ghandhom interess illi jilliberaw ruhhom minn din il-millantazzjoni tal-konvenuti; u billi l-konvenuti, minkejja li gew debitament interpellati fit-13 ta' April, 2000, naqsu illi jirtiraw tali allegazzjoni; talbu ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri:

(I) m'ghandhiex tipprefigi terminu ta' mhux aktar minn tlett xhur sabiex il-konvenuti jiddeducu fil-gudizzju dawna l-pretensjonjiet taghhom;

(II) fil-kaz li ma jiddeducux fit-terminu li jinghata lilhom, m'ghandhomx jigi lilhom impost is-silenzju perpetwu billi jigi lilhom impedut li qatt jipprocedu b'dina l-pretensjoni immaginarja taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' April, 2000.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccipew:

(I) Fl-ewwel lok, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom f'din il-kawza li jistitwixxu l-azzjoni odjerna;

(II) Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija guridikament insostenibbli

billi l-oggett ta' din il-kawza ma jikkostitwix bazi ghal din l-azzjoni;

(III) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-mankanza ta' zewg elementi essenzjali li fuqhom hija fondata l-azzjoni odjerna u cioe` dik tal-pussess u l-molestja;

(IV) Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-atturi ghandhom jippruvaw li huma ghandhom jew li ghandhom fil-pussess taghhom il-kreditu ossia l-flus li taghhom l-eccipjenti qeghdin jitolbu rendikont taghhom;

(V) Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia` sollevati, l-eccipjenti kull ma talbu bl-ittri ufficjali responsivi taghhom ta' l-10 u tat-18 ta' April, 2000, kien li jinghata rendikont tal-flus li kellha ommhom Ursola Camilleri, li maghha kienu jghixu l-atturi George u Lilian Gatt, li taghha l-attrici l-ohra Maria Camilleri kellha l-prokura, u li fid-dar tal-mejta kienu jidhlu l-atturi l-ohra kollha;

(VI) Illi mill-flus li kellha ommhom Ursola Camilleri kemm dawk li jirrizultaw mid-denunzja tal-mewt ta' zewgha Paolo Camilleri li miet fl-20 ta' Marzu, 1982, kemm il-flus li kellha d-dar fl-epoka tal-mewt ta' zewgha, kemm il-flus li kienet tircievi ta' kull xahar mill-pensjonijiet kemm dik Amerikana kif ukoll dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ta' Malta, l-istil ta' hajja mizera u bla kapricci ta' xejn li fiha kienet tghix Ursola Camilleri li qatt ma kielet sa ma xebghet, u dan huwa ben maghruf lill-partijiet, liema dhul kien jammonta ghal eluf kbar ta' liri ghall-perjodu bejn l-1982 meta miet zewgha Paolo Camilleri u l-1997 meta mietet Ursola Camilleri kif ser jigi ippruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza, mandakollu Ursola Camilleri mietet minghajr ma irrizulta li kellha xejn flus la fid-dar fejn kienet tghix u lanqas depoziti fil-Banek anzi skond l-atturi mietet bid-dejn billi lanqas kien baqghalha flus biex jithallas il-funeral taghha, liema spejjez gew saldati mill-eccipjenti. Ta' dan kollu l-esponenti kienu gustifikati li jitolbu rendikont tal-flus lill-atturi li kellha Ursola Camilleri u li ta' flusha l-atturi Maria Camilleri u Lilian Gatt kellhom kontroll effettiv;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza taghha ta' l-20 ta' April, 2001, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili, wara li ghamlet xi osservazzjonijiet generali dwar l-azzjoni ta' jattanza u wara li stqarret li l-bazi ta' l-azzjoni attrici hija zewg ittri ufficjali pprezentati mill-konvenuti fl-10 u fit-18 ta' April, 2000, iddecidiet illi l-azzjoni attrici hija monka minn aspett procedurali, senjatament u a bazi ta' l-Artikolu 415 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jghid li:

"L-azzjoni ta' jattanza ma tistax issir kontra persuni assenti u din lanqas ma tista' ssir jew titkompla kontra minuri jew persuna ohra inkapaci li joqghodu f'kawza.

Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw ghar-rigward ta' kull min matul it-tliet xhur li jigu minnufih qabel ma tkun saret l-azzjoni ta' jattanza, ikun jew personalment jew permezz ta' mandatarju pprezenta att gudizzjarju fejn ivvanta l-pretensjoni tieghu."

L-ewwel Qorti ikkonkludiet illi dan ifisser li l-azzjoni attrici kellha tigi intavolata fit-terminu stabbilit fil-proviso ta' dan l-artikolu, cioe` fi zmien tlett xhur meta l-mandatarju ta' persuna assenti minn Malta pprezentat, f'dan il-kaz, iz-zewg ittri ufficjali. Mill-atti nnifishom jirrizulta li dan it-terminu skada b'ta lanqas xahrejn. In materja ta' ligi procedurali din hi ta' ordine pubbliku, ikkonkludiet l-ewwel Qorti, u ghalhekk in-nuqqas ta' osservazzjoni taghha hija sollevabbli "ex officio" mill-Qorti u ghalhekk, it-talbiet attrici gew michuda bl-ispejjez.

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

4. L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza msemmija u ghalhekk, interponew appell minnha quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju li gej:

(1) Fl-ewwel lok, l-ewwel Qorti issollevat minn jeddha l-punt illi l-azzjoni attrici kienet *fuori termine* u minghajr dan il-punt qatt ma gie issollevat mill-konvenuti minkejja l-kopjozita` u f'hafna bnadi, is-superfluwita` tan-nota ta'

eccezzjonijiet taghhom. M'huwiex gust illi l-ewwel Qorti issorprendiet lill-partijiet b'dan il-punt li qatt ma tqanqal fid-dibattiment u tat is-sentenza illi biha cahdet it-talbiet attrici *in toto*. L-esponenti ma jaraw xejn ta' ordni pubbliku fil-provvediment imsemmi mill-ewwel Qorti (Artikolu 415 tal-Kap. 12) u ghaldaqstant, ma jifhmux kif dan il-punt tqajjem mill-istess Qorti *ex officio*. Fil-kap [recte: kamp] civili, ghad-differenza minn dak kriminali, kwistjonijiet ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza m'humiex sollevabbli *ex officio* u ghaldaqstant, galadarba l-konvenuti naqsu illi jqajmu dan il-punt fl-eccezzjonijiet taghhom, l-ewwel Qorti ma messha qatt tat kaz ta' dan it-terminu ghaliex implicitament, il-konvenuti irrinunzjaw ghal tali terminu. L-asserzjoni illi dan il-provvediment huwa ta' ordni pubbliku huwa kontradett mill-argumentazzjoni ta' l-Avukat Generali fil-kawza 'L-Onorevoli Prim Ministru versus l-Avukat Dottor Hugh Peralta noe' deciza minn dina l-Qorti fit-2 ta' Marzu, 1992, liema sentenza tat lok ghall-emenda li biha giet mizjuda l-proviso ghall-Artikolu 415 tal-Kap. 12. Dan il-proviso jimponi terminu ta' tlett xhur sabiex tigi introdotta l-azzjoni tal-jattanza minn mindu assenti jew il-mandatarju tieghu jivvanta pretensjoni permezz ta' att gudizzjarju. Allura kemm hija aktar f'lokha l-azzjoni ta' jattanza kontra dawk l-assenti illi fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom tramite l-mandatarju taghhom regghu irribadew b'aktar virulenza l-pretensjonijiet taghhom u ippruvaw jiggustifikaw ruhhom? L-ekonomija ta' gudizzju wkoll tiddetta illi l-azzjoni odjerna tigi salvata meta l-istess assenti qeghdin jippersistu fl-ivvantar tal-pretensjoni taghhom anke fl-atti ta' l-istess kawza odjerna.

(2) Fit-tieni lok, tajjeb illi wiehed jirrileva illi fost il-konvenuti hemm hamsa illi huma residenti f'Malta, mentri konvenuta minn dawn il-hamsa kienet ukoll tirrapprezenta lit-tlett uliedha fl-ittri ufficjali in kwistjoni. Fl-ewwel ittra ufficjali ta' l-10 ta' April, 2000, dawn l-ulied gew deskritti bhala msiefrin mentri fit-tieni ittra ufficjali tat-18 ta' April, 2000, ma saret l-ebda referenza ghall-fatt li tali ulied huma msiefrin. L-atturi assumew illi fil-fatt dawn l-ulied huma msiefrin ghalkemm mid-dehra mhux kollha huma msiefrin. Dan il-punt qatt ma gie investit mill-ewwel Qorti. Madankollu, l-aggravju principali huwa: minn sa fejn

minhabba illi ghall-grazzja ta’ l-argument, tlieta mit-tmien konvenuti jinsabu msiefrin, l-azzjoni attrici ghandha tigi respinta *in toto*. Huwa ben saput il-principju illi l-atti ghandhom jigu salvati sakemm huwa possibbli u ghaldaqstant, anke jekk tali ulied illi irrizultaw li huma msiefrin setghu gew illiberati mill-osservazzjoni tal-gudizzju, mandakollu, l-azzjoni kontra l-konvenuti l-ohra kellha tigi prosegwita ghaliex ma jirrizulta xejn monk mil-lat procedurali fil-konfront tal-hames konvenuti l-ohra. Hija applikazzjoni mill-aktar aberranti tal-ligi dik illi tirrespingi l-azzjoni attrici *in toto* ghaliex x’uhud mill-konvenuti setghu jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju minhabba provvediment specifiku tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-atturi talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza u b’hekk tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-esponenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti ghall-fini li eventwalment tipprovdi dwar it-tieni talba ta’ l-atturi fi stadju ulterjuri f’kaz li t-terminu stabbilit jghaddi inutilment.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>**

5. Il-konvenuti appellati wiegbu hekk:
Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Illi a rigward ta’ l-ewwel aggravju l-appellanti m’ghandhom ebda ragun. L-Artikolu 415 tal-KOPC Kap. 12 jipprojbixxi l-azzjoni ta’ jattanza fir-rigward ta’ kull min kemm jekk ikun personalment f’dawn il-Gzejjer jew permezz tal-mandatarju tieghu jipprezenta att gudizzjarju fejn jivvanta l-pretensjonijiet tieghu u min jipprocedi bl-azzjoni tal-jattanza jonqos li jaghmel il-kawza fi zmien tlett xhur minn meta jkun gie notifikat b’dak l-att gudizzjarju. U la darba mill-att processwali jirrizulta manifestament li l-appellanti ipprocedew bl-azzjoni ta’ jattanza kontra l-appellati wara li kienu lahqu ghaddew it-tliet xhur, il-gudikant, li f’idejh hija l-osservanza u l-applikazzjoni tal-ligi, ma jistax jahrab minn din il-projbizzjoni minghajr ma jmur kontra l-awtorita` ta’ l-istess ligi. U huwa irrilevanti li dan ma giex sollevat mill-appellati quddiem l-ewwel Qorti, anzi kien jinkombi fuq l-appellanti li la darba kienu jafu b’din il-projbizzjoni u

ipprocedew xorta wahda bl-azzjoni taghhom, mhumiex gustifikati li jargumentaw li la darba din il-kwistjoni ma gietx sollevata mill-appellati, il-Qorti kellha tibqa' ghaddejja xorta wahda u tinjora dak li hemm espressament ipprovdut fil-ligi;

Illi anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-interpretazzjoni moghtija mill-appellanti tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 415 tal-KOPC Kap. 12 hija dik ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza, huwa pacifiku li din il-kwistjoni tista` tigi sollevata mill-appellati f'kull stadju tal-kawza anke fl-Appell, u l-argument ta' l-appellanti li n-nuqqas taghhom li jissollevaw din il-kwistjoni ghandha tigi interpretata bhala rinunzja tacita, hija wahda fallaci;

Illi a rigward tat-tieni aggravju, il-proviso ta' l-Artikolu 415 tal-KOPC Kap. 12 ma jaghmel ebda distinzjoni izda huwa car u fil-kliem testwali "kull min …. personalment jew permezz tal-mandatarju", liema kliem jinkludi li kulhadd kemm dawk li jkunu jinsabu f'dawn il-Gzejjer u kemm jekk ikunu msiefrin u jagixxu permezz tal-mandatarju taghhom. L-appellanti qeghdin jippruvaw isalvaw il-kawza taghhom billu jippruvaw idahhlu d-dubbju li whud mill-appellati kienu jinsabu f'dawn il-Gzejjer u ohrajn kienu msiefrin fi zmien li saru l-ittri ufficjali, izda din il-prova kienet tispetta lill-atturi li jgibu quddiem l-ewwel Qorti u mhux jippretendu li taghmel dan l-ezercizzju l-ewwel Qorti. Kienu l-istess appellanti li deherilhom li l-azzjoni tentata minnhom hija "semplici hafna" u li kienu huma li nsistew li l-kawza tmur ghas-sentenza fl-ewwel udjenza taghha minghajr ma jressqu ebda provi u minghajr ma hallew lill-Qorti tinvesti l-eccezzjonijiet sollevati, u tant kienu fiducjuzi l-appellanti bil-kawza taghhom li lanqas biss ma irrealizzaw li kienu qeghdin jizolqu fuq in-niexef. Issa l-appellanti qeghdin jipprovaw jissanzjonaw dak li naqqsu li jaraw tajjeb kemm qabel ma giet istitwita l-kawza kif ukoll kull opportunita` li kellhom li jressqu l-provi taghhom quddiem l-ewwel Qorti u li m'ghamluhx, u m'ghandhomx jippretendu li ghandha tkun din il-Qorti li tikkoregi l-izbalji grossolani taghhom u ssalvalhom il-kawza meta l-istess kawza mhix salvabbli.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Il-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma kif ser jinghad. L-atturi appellanti intavolaw kawza ta' jattanza kontra l-kontro-parti appellata in konnessjoni ma' flejjes li allegatament kienu jew kellhom ikunu disponibbli fil-mument li mietet Ursola Camilleri, qaribha tal-kontendenti, u li dwarhom l-atturi ghamlu kawza ghal hlas ta' servigi u l-konvenuti talbuhom jaghmlu rendikont.

7. Il-kontro-parti appellata wiegbet fis-sens li l-atturi kellhom qabel xejn jippruvaw l-interess guridiku taghhom biex jistitwixxu kawza simili, li l-azzjoni ma kienitx guridikament sostenibbli billi l-oggett tal-kawza ma kienx jaghti lok ghal kawza simili, li hawn non si trattava la ta' pussess u lanqas ta' molestja, imbaghad, fil-meritu, li kien jispetta lill-atturi li jippruvaw li huma ghandhom krediti jew flejjes tal-mejta Ursola Camilleri fil-pussess taghhom u li dwarhhom il-konvenuti talbu rendikont mill-atturi, li f'kull kaz l-ittri ufficjali taghhom ma kienux jammontaw ghal millantazzjoni; li huma kienu u ghadhom gustifikati jitolbu rendikont mill-atturi ghaliex mid-dhul ta' flus inkassati mill-mejta tul hajjitha mhux suppost li din mietet bla ebda flus.

8. Illi minn ezami ta' l-atti, jirrizulta kjarament li l-konvenuti mhux talli ma issollevaw ebda eccezzjoni dwar termini ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza, imma talli huma addirittura ressqu eccezzjonijiet fil-meritu fejn fihom irribadew mill-gdid dak kollu li kienu gia` esprimew tramite zewg ittri ufficjali li kienu baghtu lill-appellanti. Sorprendentement, l-ewwel Qorti <u>marte proprio</u> qanqlet il-punt (ta' indole legali) li l-azzjoni attrici sfat perenta a tenur ta' l-Artikolu 415 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u spiccat biex finalment irrispingiet ghalhekk l-azzjoni ta' l-atturi appellanti. Bhala gustifikazzjoni dik il-Qorti iddikjarat li hija ipprocediet b'dan il-mod ghaliex skond hi,
"In materja ta' ligi procedurali din hi ta' ordine pubbliku u ghalhekk in-nuqqas ta' osservazzjoni taghha hija sollevabbli <u>ex officio</u> mill-Qorti."

Bir-rispett kollu, din il-Qorti jidhrilha li fejn si tratta ta' termini ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza <u>fil-kamp civili</u>, a differenza ta' dak kriminali, materja ta' procedura <u>ta' din</u>

ix-xorta m'hijiex ikkunsidrata bhala wahda ta' ordni pubbliku. Fi kliem iehor, jekk il-parti eccipjenti f'kawza civili taghzel li ma tqanqalx eccezzjoni simili u, minflok, tissolleva eccezzjonijiet ohrajn u sahansitra tidhol ukoll fil-meritu tal-kwistjoni, dan l-operat ikun jimplika li l-parti eccipjenti ma kienitx interessata li tissolleva eccezzjoni bhal din. Kwindi, certament m'huwiex la xi obbligu jew oneru fuq il-Qorti li tissolleva ex officio eccezzjoni bhal din; multo magis meta lanqas biss ma kien hemm dibattitu quddiemha dwar dan il-punt. Lanqas ma jiswa l-argument ta' l-appellati li tali eccezzjoni setghet, skond huma, tigi sollevata minnhom f'kull stadju tal-procedura, u dan ghar-raguni li sa issa eccezzjoni bhal din kienet u baqghet ma gietx effettivament sollevata. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, l-ewwel Qorti kienet proceduralment zbaljata meta issollevat ex officio eccezzjoni bhal din in ezami u qabdet u iddecidiet dwarha bil-mod kif iddecidiet. Dwar preskrizzjoni, l-Artikolu 2111 tal-Kap. 16 jistipula kjarament hekk:
"Il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata."

Sakemm ma tinghatax, il-Qorti ma tistax tiehu inizjattivi marte proprio ghaliex b'daqstant, u kif tajjeb gie ritenut mill-Qrati taghna (hekk ara d-decizjoni in re Cali` vs Galea, Koll. Vol. XL – 1 – 165),
"Ghax xort'ohra, il-Qorti tkun qeghda tissupplixxi ghal parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva…."

(ara wkoll decizjoni recensjuri moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Gayle Scerri –vs- Eric Borg et", deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003; u "Francis Bugeja –vs- Indri Mercieca", Qorti ta' l-Appell, 29 ta' Mejju, 2000).

10. Din il-posizzjoni lanqas ma hija differenti li kieku minflok terminu ta' preskrizzjoni, (li pero` tista` tigi sollevata ex parte fi stadju ta' appell), si tratta ta' terminu ta' dekadenza ta' l-azzjoni. Hawn ukoll ma jispettax lill-Qorti – fil-kamp civili – li minn rajha tiehu hi l-inizjattiva u dak li ma tqajjimx per via ta' eccezzjoni, jigi invece

sollevat mill-Qorti stess, taht il-pretest zbaljat li hawn si tratta ta’ konsiderazzjoni ta’ ordni pubbliku.

11. Dan ifisser li s-sentenza moghtija – indipendentement ghalissa mill-fondatezza o meno tat-talbiet li saru u l-eccezzjonijiet li nghataw – kienet wahda proceduralment irrita u null u fuq dan biss ghandha tigi revokata.

12. Minbarra dan pero` l-ewwel Qorti dehrilha li l-atturi ma setghux jagixxu kontra l-konvenut ’l ghaliex kien hemm terminu, applikabbli f’kaz ta’ persuni assenti u/jew minuri, li lahaq skada biex issir azzjoni. A skans ta’ molteplicita` ta’ proceduri gudizzjarji bla bzonn, din il-qorti tosserva li bl-eccezzjonijiet taghhom odjerni l-konvenuti appellati qeghdin kjarament itennu l-posizzjoni taghhom di fronte l-atturi kif gia` esprimewha qabel tramite l-ispedizzjoni ta’ zewg ittri ufficjali (hekk ara paragrafi 5 u 6 tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet). L-implikazzjoni ta’ dawn iz-zewg ittri ufficjali kif ukoll ta’ dak li odjernament rega’ gie ribadut mill-konvenuti <u>kollha</u>, anke dawk assenti jigifieri, hija wahda sufficjentement cara, u cioe` li bil-flus li kienet tircievi ommhom Ursola Camilleri suppost kien hemm bizzejjed mhux biss biex jigu saldati kontijiet tal-mejta imma biex ikun hemm lok li jinghata rendikont da parti ta’ l-atturi biex dawn jispjegaw x’sar minnhom jew kif intefqu l-flus. Proprju ghalhekk jinghad fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti li “… li maghha [i.e. ma ommhom Ursola Camilleri] kienu jghixu l-atturi George u Lilian Gatt, li taghha l-attrici l-ohra Maria Camilleri kellha l-prokura, u li fid-dar tal-mejta kienu jidhlu l-atturi l-ohra kollha” (ara para. 5 tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet). Illi ghalhekk mhux il-kaz illi jigi applikat xi terminu biex taqa’ l-azzjoni attrici – almenu mhux fuq din il-bazi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi fid-dawl tas-suespost, tiddikjara nulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-20 ta’ April, 2003, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem dik il-Qorti ghal fini ta’ kontinwazzjoni tas-smiegh u decizjoni tal-kawza skond il-ligi, bl-ispejjez gudizzjarji kemm tal-prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell

jigu sopportati kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------